**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' April 2009 — CD-Contact Data vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-18/03)** [1]

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-consoles tal-logħob vidjo (video games) u tal-cartridges tal-logħob Nintendo — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Limitazzjoni tal-esportazzjoni parallela — Prova tal-eżistenza ta' ftehim intiż sabiex jillimita l-kompetizzjoni parallela — Multi — Trattament differenzjat — Ċirkustanzi attenwanti")***

(2009/C 141/76)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* CD-Contact Data GmbH (Burglengenfeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. de Pree u R. Wesseling, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Oliver, X. Lewis u O. Beynet, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni 2003/675/KE, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (COMP/35.587 PO Video Games, COMP/35.706 PO Nintendo Distribution u COMP/36.321 Omega — Nintendo) (ĠU 2003, L 255, p. 33).

**Dispożittiv**

1) *L-ammont tal-multa imposta fuq CD-Contact Data GmbH huwa stabbilit għal EUR 500 000.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

[1] ĠU C 70, 22.3.2003.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' April 2009 — Spanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-281/06)** [1]

***("FAEGG — Taqsima 'Garanzija' — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Għajnuna li tikkumpensa lill-produtturi tal-banana — Irregolaritajiet fil-kontrolli ta' kwalità — Tip ta' korrezzjoni finanzjarja applikata — Proporzjonalità")***

(2009/C 141/77)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: M. Muñoz Pérez, abogado del Estado)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: F. Jimeno Fernández, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/554/KE tas-27 ta' Lulju 2006 li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti spejjeż magħmula mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), taqsima "Garanzija" (ĠU L 218, p. 12), safejn din tipprovdi korrezzjoni finanzjarja applikabbli għall-ispejjeż iddikjarati mir-Renju ta' Spanja bħala kumpens lill-produtturi tal-banana għas-snin 2002 u 2003.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 294, 2.12.2006.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' April 2009 — Borco-Marken-Import Matthiesen vs UASI(α)**

**(Kawża T-23/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva α — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94")***

(2009/C 141/78)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Borco-Marken-Import Matthiesen GmbH & Co. KG (Hambourg, Il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Wolter, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: M. Kicia, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Novembru 2006 (Każ R 808/2006-4) li tikkonċerna r-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv α bħala trade mark Komunitarja,

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-30 ta' Novembru 2006 (Każ R 808/2006-4) hija annullata.*

2) *M'hemmx lok għal deċiżjoni dwar it-tieni kap ta' talbiet ta' BORCO-Marken-Import Matthiesen GmbH & Co. KG.*